

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

8.12.2008

B6-0624/2008

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 78(3) tar-Regoli ta' Proċedura,

minn Mary Lou McDonald

f'isem il-Komitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li qed timplimenta l-Ftehim finalizzat mill-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Vapuri tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni tal-Ħaddiema tat-Trasport Ewropej (ETF) dwar il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu tal-2006 u li temenda d-Direttiva 1999/63/KE (COM(2008)0422)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li qed timplimenta l-Ftehim finalizzat mill-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Vapuri tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni tal-Ħaddiema tat-Trasport Ewropej (ETF) dwar il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu tal-2006 u li temenda d-Direttiva 1999/63/KE (COM(2008)0422)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Kunsill dwar il-Ftehim bejn l-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Vapuri tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni tal-Ħaddiema tat-Trasport Ewropej (ETF) dwar il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006 u li temenda d-Direttiva 1999/63/KE (COM(2008) 0422),
 - wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea¹,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 1999/63/KE tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-Ftehim fuq l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tal-baħħara milħuqa mill-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Vapuri tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni tal-Ħaddiema tat-Trasport Ewropej (ETF)²,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim milħuqa bejn Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Vapuri tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni tal-Ħaddiema tat-Trasport Ewropej (ETF) dwar il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006 (il-Konvenzjoni),
 - wara li kkunsidra l-fatt li l-Ftehim kienet tinkludi talba konġunta lill-Kummissjoni biex din timplimenta l-Ftehim u l-Anness A tagħha b'deċiżjoni tal-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 139(2) tat-Trattat,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 78(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Artikolu 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li l-ħaddiema kollha għandhom id-dritt għall-kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin għas-saħħa, sikuri u dinjitużi, għal limitu massimu fuq il-ħin tax-xogħol tagħhom, u għal perjodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u perjodu annwali ta' vaganzi mħallsa,
- B. billi l-Artikolu 139(1) tat-Trattat jagħti lis-sieħba soċjali fil-livell Komunitarju l-possibilità li, jekk jixtiequ huma, jidħlu fi djalogu li jista' jwassal għal relazzjonijiet kuntrattwali, li jinkludu ftehimiet,
- C. billi l-Artikolu 139 (2) tat-Trattat jipprovdi għall-possibilità tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet konklużi fil-livell Komunitarju, fuq talba konġunta tal-partijiet firmatarji, b'deċiżjoni tal-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni;
- D. billi jekk l-Istati Membri kollha tal-UE jirratifikaw il-Konvenzjoni, din tkun laħqet il-livell minimu neċessarju sabiex tidħol fis-seħħ,

¹ ĠU C 303, 14.12.2007, p. 1.

² ĠU L 167, 2.7.1999, p. 33

- E. billi r-ratifika tal-Konvenzjoni se tirrappreżenta kontribut importanti għall-promozzjoni għal standards diċenti ta' xogħol mad-dinja kollha,
1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li, għalkemm l-Artikolu 139(2) tat-Trattat ma jipprevedix li l-Parlament ikun ikkonsultat rigward talbiet magħmula mill-Kummissjoni mis-sieħba soċjali, il-Kummissjoni għaddiet il-proposta tagħha lill-Parlament u talbitu biex jikkomunika l-opinjoni tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill;
 2. Jappoġġa l-ftehma milħuqa mis-sieħba soċjali dwar ċerti aspetti tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema fil-qasam tat-trasport marittimu għaliex tilħaq bilanċ tajjeb bejn il-bżonn ta' titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħarsien tas-saħħa u s-sikurezza tal-baħħara;
 3. Jaqbel li l-Ftehma għandha titressaq quddiem il-Kunsill; jitlob, għalhekk, li l-Kunsill jadotta l-proposta tal-Kummissjoni bl-għan li jimplementa l-Ftehma kif konkluża mis-sieħba soċjali, b'kunsiderazzjoni għal kwalunkwe interess speċjali tal-Istati Membri, u b'konsegwenza, tal-UE;
 4. Iqis li huwa essenzjali li jiġu definiti u infurzati standards globali minimi ta' impjeg u kundizzjonijiet ta' saħħa u sikurezza għall-baħħara li huma impjegati jew qed jaħdmu abbord vapuri li jbaħħru;
 5. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Ftehma kif konkluża mis-sieħba soċjali u l-proposta tal-Kummissjoni jipprevedu biss rekwiżiti minimi, u l-Istati Membri u/jew is-sieħba soċjali tħallew fil-libertà li jadottaw miżuri li huma iżjed favorevoli għall-ħaddiema fil-qasam ikkonċernat u sostanzjalment ekwivalenti għad-dispożizzjonijiet tal-Parti A tal-Kodiċi tal-Konvenzjoni;
 6. Ifakkar fil-flessibilità offruta mill-Artikolu II, paragrafu 6, tal-Konvenzjoni lill-Istati li diġà ffirmaw dik il-Konvenzjoni;
 7. Jenfasizza l-irwol vitali tas-sieħba soċjali fit-titjib tal-kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sikurezza għall-ħaddiema; jappoġġa bis-siġħ l-involviment xieraq tas-sieħba soċjali fin-negożjati ta' djalogu soċjali u fil-konklużjonijiet min-naħa tagħhom ta' ftehimiet dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol;
 8. Jirrakkomanda l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni;
 9. Jistieden lill-Istati Membri kollha biex jirratifikaw bla dewmien il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu tal-2006;
 10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lis-sieħba soċjali.